MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2013

Numru. 96/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Elton Taliana ]**

**vs**

**Anthony Barun**
**Geoffrey Pulis**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Anthony Barun detentur tal-karta tal-identita` numru 424056(M) u Geoffrey Pulis detentur tal-karta tal-identita` numru 202467(M).

Akkuzati talli:
1. Fid-29 ta’ Marzu 2006, ghall-habta tat-8.00 a.m., f’85 ‘Dar ic-Curkett’, Triq il-Herba, Birkirkara, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew fil-professjoni taghhom jew b’nuqqas ta’ tharis ta’

regolamenti kkagunaw il-mewt ta’ Nazzareno Sciberras hekk kif iccertifika Dr J Joslin M.D. u dan ai termini tal-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

2. Talli wkoll fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi fil-kapacita` taghhom ta’ haddiema naqsu milli jissalvagwardjaw is-sahha u s-sigurta` taghhom infushom, kif ukoll tal-persuni li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li kun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigu evitati dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u naqsu milli jiehdu l-mizuri necessarji sabiex ir-riskji jigu ridotti kemm huwa ragjonevolement prattiku u dan ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Att 27/2000 Kap. 424

Rat l-ezami tal-imputati li wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-Artikoli tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Illi din il-kawza tittratta fuq mewt ta’ persuna fuq il-post tax-xoghol u l-imputati kienu shab mieghu f’dan ix-xoghol ta’ kostruzzjoni. Illi ghal dan il-ghan saret inkjesta magisterjali inserita fl-atti ta’ dawn il-proceduri.

Semghet ix-xhieda prodotti kif ukoll rat id-digriet taghha tal-4 ta’ Lulju fejn id-difiza talbet li jigi rivedut r-rapport tal-perit Richard Aquilina fid-dawl tas-sentenzi kostituzzjonali u dawk tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem a rigward tad-dritt tal-assistenza tal-avukat waqt l-investigazzjoni kontra l-imputati.

Mix-xhieda ta’ PS 564 Geoffrey Schembri hareg il-fatt illi l-imputati u l-mejjet Nazzareno Sciberras kienu tqabbdu minn certu Charles Micallef bhala “sub-contractors” biex jahdmu fuq lok ta’ kostruzzjoni fejn darba wahda l-mejjet Nazzareno Sciberras intlaqat bil-hadid ta’ “winch” u waqa’ u miet. Dan il-“winch” kien qed itella’ xi xoghol ta’

kostruzzjoni u ghal xi raguni jew ohra mar il-kontra u waqa’ ghal isfel.

Il-Principal Health and Occupational Safety Officer Charles Micallef xehed illi huwa kien baghat ghall-imputati u hareg illi dak il-“winch” kienu ghamluh huma t-tlieta u cioe` l-imputati u l-mejjet xi seba’ snin ilu flimkien. Dakinhar tal-incident kienu t-tlieta li huma li ramaw dan il-“winch” bil-kontra-piz b’kollox. Jirrizulta ukoll illi kien hemm erbat iknaten li kienu qed iservu bhala kontra piz dakinhar tal-incident.

Regghet semghet ix-xhieda in kontro ezami tal-Perit Richard Aquilina u ta’ Charles Micallef mill-Occupational Health and Safety wara d-digriet ta’ din il-Qorti tal-4 ta’ Lulju 2011, fejn huma gew mitluba jerghhu jixhdu fuq il-konkluzjonijiet taghhom li kieku ma kellhomx l-istqarrijiet tal-imputati li kienu ttiehdu minghajr id-dritt tal-assistenza tal-avukat.

Illi minn dawn ix-xhieda hareg illi dak li fuqu kien xehed Charles Micallef u l-konkluzjonijiet li bih gie ghalihom fix-xhieda tieghu kien a bazi ta’ x’qalulu l-imputati meta hu kien baghat ghalihom. L-unika haga li seta’ jistabbilixxi minn rajh kienu r-ritratti esebiti minnu u li jinsabu f’dawn il-proceduri (fol 30).

A rigward il-Perit Aquilina li kien espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti hareg ukoll illi l-fatti u l-konkluzjonijiet raggunti mill-espert hadhom mix-xhieda tal-istess imputati u cioe` min hadem il-“winch”, min kien armah dak in-nhar, min kien fuq u min kien isfel.

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni fejn talbet lil din il-Qorti sabiex, in vista ta’ sentenzi kostituzzjonali ohra dwar id-dritt tal-avukat li inghataw sussegwentement ghal dawk ta’ Alvin Privitera, terga’ tikkonsidra l-pozizzjoni taghha mid-digriet taghha tal-4 ta’ Lulju 2011.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat illi a priori din il-Qorti taghmilha cara li zzomm ferm dak li qalet fid-digriet taghha tal-4 ta’ Lulju 2011 fejn irrispettivament mis-sentenzi li taw il-Qrati Kostituzzjonali taghna, ghalkemm taqbel maghhom, thoss illi dawn ma biddlu xejn minn dak li qalet din il-Qorti fid-digriet taghha. Infatti, f’dak id-digriet sar accenn anke ta’ sentenzi tal-Qrati Ewropej ukoll. Illi ghaldaqstant, dak li kienu qalu l-imputati fid-dikjarazzjonijiet taghhom lil Charles Micallef u lil perit Richard Aquilina, sa fejn dawn kienu jinkriminawhom, ma ttiehdux in konsiderazzjoni minn din il-Qorti.

Illi allura dawk il-provi li jibqghu huma r-ritratti li ttiehdu tal-post in kwistjoni u x-xhieda tas-surgent. Illi zgur dawn mhumiex bizzejjed sabiex il-prosekuzzjoni tkun tista’ tipprova il-kaz taghha.

Illi l-Qorti trid tirrimarka illi ghal dak li ghandu x’jaqsam il-Kap 424, din il-Qorti thoss illi din il-ligi ma tapplikax ghal kaz in kwistjoni u dan ghaliex ghalkemm l-Artikolu interpretatorju ta’ dan l-Att japplika ukoll ghal sub-contracting” bhal f’dan il-kaz, dan ma japplikax meta l-imputati jkunu shab tal-mejjet izda japplika ghal dak li ghamel is-“sub contracting” mal-persuni li jkunu ghamlu x-xoghol in kwistjoni. Ir-relazzjoni ghandha tkun b’mod vertikali u mhux wahda horizzontali.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 7(1) tal-Att 27/2000 Kap 424 u Artikolu 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, mhux qed issib lill-imputati Anthony Barun u Geoffrey Pulis hatja tal-akkuzi kontrihom u tilliberahom minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------